MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1098/2002

**D.J. Burgess Limited**

**Vs**

**Colour Chart Company Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha is-socjeta` attrici ppremettit:

Ili hija kreditur tad-ditta konvenuta fis-somma ta' sebat elef mitejn u tnax-il lira Maltin sebgha u sebghin centezmu (Lm7,212.77) u dan wara servizzi ta' reklamar rezi lill-

konvenuti – statement tal-ammont dovut qed jigi anness bhala Dok A;

Peress illi dan id-debitu issa sar dovut anke ghaliex qabez iz-zmien moghti lill-konvenuti bhala zmien ta' kreditu;

Peress illi dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni x'jaghti ghal hlas tieghu bhal ma jirrizulta mill-anness affidavit Dik B.

Peress illi nterpellata sabiex thallas l-ammont, id-ditta konvenuta baqghet inadempjenti.

Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

1. tghaddi sabiex tiddeciedi it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u dan a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).
2. Previa d-dispensa ta' kull dikjarazzjoni ohra li talvolta tkun necessarja tordna u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont ta' sebat elef mitejn u tnax-il lira Maltin sebgha u sebghin centezmu (Lm7212.77) oltre imghaxijiet;

Bl-interessi legali kif fuq inghad sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment.

Il-konvenuti ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta a fol. 10 tal-process fejn jeccepixxu:**

1. Preliminarjament, l-intempestivita tal-azzjoni stante illi l-partijiet kellhom ftehim ta' perjodu ta' kreditu ta' tletin gurnata ghall-hlas tal-fatturi li kien jigi kkalkolat mid-data tal-fattura u, ghal dak li jirrigwarda l-ammont pretiz ghax-

xahar ta’ Settembru 2002, il-fattura li rcieviet is-socjeta` eccipjenti hija datata 26 ta’ Settembru 2002 filwaqt illi c-citazzjoni odjerna giet intavolata biss sitt granet wara u cioe waqt li kien ghaddu ghaddej dan il-perjodu ta’ kreditu;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mhuwiex dovut, stante illi ghandha ssir tpacija bejn kwalunkwe ammont li talvolta jista` jkun dovut ma’ kummissjoni dovuta lis-socjeta` eccipjenti da parti tas-socjeta` attrici ta’ ghaxra fil-mija (10%) tal-valuri tal-fatturi mahruga lis-socjeta eccipjenti da parti tas-socjeta` attrici ghax-xhur ta’ Gunju, Lulju u Settembru 2002, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mhuwiex dovut ukoll billi ghandha ssir tpacija bejn kwalunkwe ammont li talvolta jista` jkun dovut ma’ somma ohra dovuta da parti tas-socjeta` attrici lis-socjeta` eccipejnti rapprezentanti servizzi rezi mis-socjeta` eccipjenti lis-socjeta` attrici fuq inkarigu taghha stess, kif sejjer jigi ppruvat ahjar waqt it-tratazzjoni tal-kawza;

4. Fir-raba lok minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-10 ta’ Lulju 2002, is-socjeta` attrici illegalment u abbuzivament baghtet korrispondenza bil-miktub lil terzi li kienet tinkludi allegazzjonijiet skorretti u malafamanti dwar somma allegatament dovuta mis-socjeta` eccipjenti lis-socjeta` attrici fil-konfront tas-socjeta` eccipjenti intizi sabiex ihassru r-reputazzjoni tal-istess socjeta` eccipejnti, u b’konsegwenza ta’ tali allegazzjonijiet, is-socjeta` eccipjenti batiet danni, ghal liema danni s-socjeta` attrici hija unikament responsabbli u l-istess socjeta` eccipjenti qed tirrizerva minn issa kontra s-socjeta` attrici d-drittijiet kollha spettanti lilha inkluza azzjoni ghad-danni;

5. F’kull kaz ghar-ragunijiet gja spjegati, is-socjeta` eccipjenti m’ghandiex tbati l-ispejjez tal-kawza.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dkumentii ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukat difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Arrangament kummercjali**

L-ammont mitlub mis-socjeta' attrici f'din il-kawza jirrigwarda prezz ta' servizzi ta' reklamar rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess. Iz-zewg partijiet f'din il-kawza kellhom arrangjament kummercjali bejniethom fis-sens illi s-socjeta' attrici kienet tiehu hsieb li tirriserva l-ispazju ghar-reklamar fil-gazzetti lokali ghas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta hija wkoll *advertising agency* u taghmel xoghol ta' *artwork u design* u hija kienet tinkariga lis-socjeta' attrici tiprenotalha l-ispazju ghar-riklami tal-klijenti taghha fil-gazzetti lokali. Dan it-tip ta' arrangjament gie fis-sehh peress li s-socjeta' attrici kellha relazzjonijiet tajba mal-media minhabba l-kwantita' ta' xoghol li kienet tghaddi u allura hija kienet tinghata kummissjoni ta' 15% fuq il-*bookings* ghar-reklami li kienet taghmel mal-gazzetti. Peress li s-socjeta' konvenuta ma kienitx tinghata din il-*commission* minghand il-gazzetti hija kienet tghaddi l-*bookings* tramite s-socjeta' attrici u din tal-ahhar kienet thallasha parti mill-*commission* li kien jinghata lilha.

Il-ftehim bejn il-partijiet kien fis-sens illi s-socjeta' konvenuta kellha thallas lis-socjeta' attrici sa zmien tletin gurnata mid-data tal-hrug tal-fattura relattiva u kemm il-darba l-pagament isir entro dan it-terminu is-socjeta' konvenuta kienet tinghata 10% *commission.*

Mill-provi prodotti  jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet qed tkun tardiva hafna fil-pagamenti u ghalhekk is-socjeta' attrici ddecidiet li twaqqaf l-arrangament li kellha maghha u dan wara diversi tentattivi da parti taghha sabiex tithallas il-bilanc li kien ghadu dovut lilha (ara korrispondenza a fol. 25 tal-process).

**Eccezzjonijiet**

Fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha is-socjeta' konvenuta tissolleva diversi eccezzjonijiet fejn issostni li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici fil-fatt m'hwiex dovut minnha.

Ikun opportun li dawn l-eccezzjonijiet jigu ikkunsidrati wahda wahda.

Intempestivita' ta' l-azzjoni

Permezz tal-ewwel eccezzjoni s-socjeta' konvenuta teccepixxi l-intempestivita' tal-azzjoni attrici u dan stante li l-partijiet kellhom ftehim ta' kreditu ta' tletin (30) gurnata mid-data tal-hrug tal-fattura u mir-rendikont esebit a fol. 5 jirrzulta li l-ammont pretiz ghax-xahar ta' Settembru 2002 intalab permezz ta fattura mahruga fis-26 ta' Settembru 2002 filwaqt li c-citazzjoni odjerna giet intavolata sitt granet wara l-hrug ta' din il-fattura.

Mill-provi irrizulta ampjament li s-socjeta' attrici kienet ilha li waqfet l-arrangament mas-socjeta' konvenuta sa minn Lulju 2002 u dan minhabba li din kienet qed tkun ripetutament tardiva fil-pagamenti. Mix-xhieda ta' Noelene Miggiani, ir-rapprezentata tas-socjeta' attrici, jirrizulta li wara li hija waqfet taghti s-servizzi taghha lis-socjeta' konvenuta, din ta' l-ahhar marret ad insaputa taghha u prenotat riklami ma' gazzeta lokali u din addebitat il-prezz tal-imsemmija riklami lis-socjeta' attrici peress li l-arrangament kien li l-bookings tas-socjeta' konvenuta isiru mis-socjeta' attrici. Il-gazzetta in kwistjoni ma kienitx qed taccetta bookings direttament minghand is-socjeta' konvenuta peress li din ma kienitx qed thallas (ara xhieda ta' Joseph Urry fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2003).

Is-socjeta' attrici kienet kostretta thallas l-ammont pretiz lil din il-gazzetta sabiex tissalvagardja ir-relazzjonijiet tajba u kontinwi li hija kellha ma din il-gazzetta u dan nonostante li r-reklami kienu gew prenotati direttament mis-socjeta' konvenuta ad insaputa taghha u wara li hija kienet itterminat il-ftehim li kellha ma' l-istess socjeta' konvenuta.

Il-Qorti jidrilha li ghal din ir-raguni, u cioe il-fatt li r-reklami gew prenotati ad insaputa tas-socjeta' attrici u wara li hija kienet diga' tterminat il-ftehim li kellha mas-socjeta' konvenuta, is-socjeta' attrici kienet gustifikata li tesigi l-pagament ghal dawn ir-reklami immedjatament u mhux wara li jghaddu it-tletin gurnata miftehmha. Is-socjeta'

attrici kienet waqfet l-arrangjament li kellha mas-socjeta' konvenuta u ghalhekk ma kellha ebda obbligu li tikkoncedi l-perjodu ghall-hlas li kienet ikkocediet precedentement. Dan jinghad ukoll fid-dawl tar-raguni il-ghala is-socjeta' attrici giet kostretta tittermina il-ftehim li kellha mas-socjeta' konvenuta, u cioe' il-pagamenti tardivi fuq bazi regolari.

Il-Qorti ma tarax ghalfejn is-socjeta' attrici kellha tikkoncedi perjodu ghall-hlas meta s-socjeta' konvenuta kienet marret minn wara dara tipprenota reklami ghand terzi minghajr ma nfurmat lit-terzi li l-arrangjament li kien jezisti mas-socjeta' attrici kien terminat u li din ta' l-ahhar ma kienitx ser thallas ghar-reklami ghan-nom tas-socjeta' konvenuta. L-eccezzjoni ta' ntempestivita' ghalhekk ma tistghax tintlaqa'.

**<u>Tpacija - commissions</u>**

Fit-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta din qed tghid li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici m'huwiex dovut peress li ghandha ssir tpacija bejn kwalsiasi ammont li talvolata jsita' jibqa dovut u ma' kummissjoni dovuta mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta ta' ghaxra fil-mija (10%) tal-valuri tal-fatturi mahruga lis-socjeta' konvenuta ghax-xhur ta' Gunju, Lulju u Settembru 2002.

Din l-eccezzjoni ser tigi michuda ghall-istess ragunijiet li giet michuda l-ewwel eccezjoni u cioe il-fatt li f'Lulju 2002 is-socjeta' attrici itterminat l-arrangament li kellha mas-socjeta' konvenuta minhabba pagamenti tardivi. Dan ifissser li hija ma kienitx aktar obbligata tnaqqas l-ammont dovut bhala skont. Kif diga' inghad aktar il-fuq il-fattura mahruga f'Settembru 2002 kienet tirrigwarda *bookings* li saru ad insaputa tas-socjeta' attrici u ghalhekk is-socjeta' konvenuta certament ma tistghax tippretendi li tinghata xi forma ta' kummissjoni jew *discount*.

**<u>Tpacija – servizzi rezi</u>**

Permezz tat-tielet eccezzjoni s-socjeta' konvenuta issostni li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici f'din il-kawza

m’huwiex dovut ukoll minhabba l-fatt li hemm lok li ssir tpacija mas-somma ohra dovuta mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta rapprezentanti servizzi rezi minn din tal-ahhar fuq inkarigu taghha stess.

Is-socjeta’ konvenuta ma resqitx provi konvincenti u konklussivi f’dan ir-rigward, anzi mill-provi rrizulta li s-socjeta’ attrici kienet tigri warajha hi sabiex tohrog il-fatturi ghas-servizzi rezi minnha u meta s-socjeta konvenuta wzat bhala skuzanti biex ma teffetwax il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ attrici l-fatt li din tal-ahhar kellha xi pendenzi maghha, is-socjeta’ attrici kienet tinsisti sabiex hija tohrog il-fatturi relattivi izda s-socjeta’ konvenuta baqghet mghamlitx dan.

Mill-provi rrizulta li s-socjeta’ konvenuta kienet iddum xhur shah sabiex tohrog il-fatturi u hija issa certament ma tistax tuza dan il-fatt bhala skuzanti sabiex ma thallasx il-bilanc dovut minnha lis-socjeta’ attrici.

**<u>Danni</u>**

Fir-raba’ eccezzjoni, is-socjeta’ konvenuta issostni li s-socjeta’ attrici trid thallasha d-danni lilha kagunati bhala konsegwenza ta’ l-agir tas-socjeta’ attrici meta fit-12 ta’ Lulju 2002 din illegalment u abbusivament baghtet korrispondenza bil-miktub lil terzi, liema korrispondenza kienet tinkludi allegazzjonijiet skorretti u malafamanti fil-konfronti tas-socjeta’ konvenuta.

F’dan ir-rigward is-socjeta’ konvenuta taghmel referenza ghall-ittra mibghuta mis-socjeta’ attrici lil nies ohra li jahdmu fis-settur tal-media u tal-advertising sabiex tigbdilhom l-attenzjoni ghal fatt li s-socjeta’ konvenuta kienet debitrici taghha f’ammont sostanzjali. Is-socjeta’ attrici ssostni li hija ghamlet dan peress li hija prassi f’dan is-settur li huma jinfurmaw lil xulxin b’sitwazzjonijiet simili sabiex ma jigrix li xi hadd imur minn *advertising agency* ghal ohra minghajr ma jhallas lil hadd.

Il-Qorti jidrilha li ma kien hemm xejn illegali u abbusv f’dan l-agir u s-socjeta’ attrici kienet qeda biss tissalvagwardja l-

interessi taghha man-nies tas-settur. Fi kwalunkwe kaz is-socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-allegati danni kawzati lilha b'dan l-agir. Ir-raba' eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta qeda ghalhekk ukoll tigi michuda.

Kwantu ghall ammont mitlub fic-citazzjoni, gew ezibiti l-istatements relattivi u Noelene Miggiani spjegat dettaljatament kif inhuma dovuti l-ammonti mitluba (ara Dok 5, 20-27).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-tieni talba attrici
Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta
Bl-imghax skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------